# Id-Drittijiet Tiegħek meta tkun l-Għassa tal-Pulizija




Ħafna nies isibuha diffiċli biex jifhmu dak li jkun qed jiġri fl-għassa tal-pulizija.




Jekk il-pulizija jixtiequ jistaqsuk xi mistoqsijiet, ikun aħjar li tgħidilhom jekk teħtieġ l-appoġġ u jekk ma tkunx qed tifhem.




Il-pulizija jkunu jafu li nies li jeħtieġu appoġġ komunikattiv ikollhom bżonn ftit aktar ħin biex jaqraw u jwieġbu l-mistoqsijiet.

## Kontenut


| | | |
|---|---|---|
|  | Meta tiġi arrestat u titqiegħed taħt il-kustodja tal-pulizija | Paġna 4 |
|  | Kif twieġeb il-mistoqsijiet li jsiru mill-pulizija | Paġni 5 - 6 |
|  | Kif titlob biex jiġi Adult Xieraq | Paġna 7 |
|  | Kif tinforma lil xi avukat li int tinsab l-għassa tal-pulizija | Paġna 8 |
|  | Kif tinforma lil xi ħadd li int tinsab l-għassa tal-pulizija | Paġna 9 |
|  | Jekk għandek 16-il sena jew inqas, jew għandek bejn 16 u 17-il sena u qiegħed taħt ordni ta' superviżjoni obbligatorja | Paġni 10 -11 |

| | | |
|---|---|---|
|  | X’jiġri jekk tiġi akkużat jew tiddaħħal l-għassa tal-pulizija fuq mandat? | Paġni 12 - 13 |
|  | Għal kemm żmien tista’ tinżamm fl-għassa tal-pulizija? | Paġna 14 |
|  | Viżta mingħand tabib jew infermier | Paġna 15 |
|  | Kif tagħmel ilment | Paġna 16 |



## Meta tiġi arrestat u titqiegħed taħt il-kustodja tal-pulizija

Il-pulizija se jgħidulek għaliex ġejt arrestat.




Il-pulizija se jistaqsuk jekk qiegħedx tifhem.

Jekk fi kwalunkwe ħin ma tifhimx, għandek tgħid “le”.

Għid “iva” meta tkun qed tifhem biss.

**Kif twieġeb il-mistoqsijiet li jsiru mill-pulizija**



Għandek id-dritt li tibqa' sieket.




M'għandek għalfejn twieġeb l-**ebda** mistoqsija li jistaqsuk il-pulizija. **IŻDA** trid tgħidilhom–

**ismek**




**fejn tgħix**




**id-data ta' għeluq sninek**



**fejn twelidt u**
**n-nazzjonalità tiegħek**

**Jekk ma tafx uħud minn dawn id-dettalji, trid tgħid lill-pulizija.**

**Mhux se jkollok problemi mal-Pulizija jekk ma twieġeb l-ebda mistoqsija oħra.**






Il-pulizija se jgħidulek li se jiktbu dak kollu li tgħid.

Jekk tagħżel li twieġeb il-mistoqsijiet, kull ħaġa li tgħid tista' tintuża bħala evidenza jekk il-każ tiegħek jitressaq il-qorti.

## Kif titlob biex jiġi Adult Xieraq



Jekk teħtieġ l-appoġġ, għid lill-pulizija "**ċemplu lil Adult Xieraq**".

L-Adult Xieraq huwa xi ħadd li jista' jgħinek tifhem x'qed jgħidu l-pulizija. Dan hu bla ħlas.




L-Adult Xieraq jgħinek tifhem x'inhuma d-drittijiet tiegħek, u jfiehmek x'qed jiġri.

Jispjegalek il-mistoqsijiet li jistaqsuk il-pulizija, jekk ma tifhimhomx.

Jista' anke jispjega x'qed jagħmlu l-pulizija, mhux biss x'qed jgħidu.

L-Adult Xieraq ma jistax jagħtik parir.




Il-pulizija jċemplu lil Adult Xieraq jekk jaħsbu li għandek bżonnu, anke jekk ma titlobx għalih inti.

**Huwa importanti li titkellem jekk ma tifhimx.**

## Kif tinforma lil xi avukat li int tinsab l-għassa tal-pulizija



Inti għandek id-dritt li tkellem **avukat** fil-privat fi kwalunkwe ħin anke qabel ma tiġi interrogat. Dan hu bla ħlas.

**Avukat huwa xi ħadd li jipproteġi d-drittijiet tiegħek u jista' jgħin fid-difiża tiegħek.**

L-Adult Xieraq ma jistax ikun miegħek meta titkellem mal-avukat tiegħek.

Jekk trid tkellem avukat, għandek tgħid "iva" meta l-pulizija jistaqsuk.



Jekk għandek avukat, għandek tgħaddi l-isem tiegħu/tagħha lill-pulizija.  Il-pulizija se jippruvaw iċemplulu/iċemplulha. Dan hu bla ħlas.

Jekk ma jkollokx avukat, trid tgħid lill-pulizija u dawn iċemplulek għal wieħed.



Il-pulizija se jippruvaw jikkuntattjaw l-avukat tiegħek mill-aktar fis possibbli. Dan hu bla ħlas.

L-avukat jista' joqgħod miegħek fil-kamra jekk il-pulizija jintervistawk. Dan hu bla ħlas.

Tista' tkellem lill-avukat tiegħek fuq it-telefon jew l-avukat jista' jiġi jarak fl-għassa tal-pulizija. Dan jiddependi mill-avukat.

Inti tiġi mistoqsi għat-tieni darba jekk tixtieqx avukat preżenti għall-intervista, anke jekk tkellimt miegħu bit-telefon.

## Kif tinforma lil xi ħadd li int tinsab l-għassa tal-pulizija




Għandek id-dritt li xi ħadd jiġi mgħarraf bil-fatt li inti tinsab fl-għassa tal-pulizija.

Il-pulizija se jistaqsuk lil min tixtieq li jċemplu.




Dan jista' jkun xi ħadd fil-familja tiegħek, is-sieħeb/sieħba tiegħek, il-persuna li tieħu ħsiebek, il-ħabib/a tiegħek jew persuna oħra li taf.

Jista' jkun li ma jkollokx permess biex tkellem lil din il-persuna.

**Jekk għandek inqas minn 16-il sena jew jekk għandek 16 jew 17-il sena u qiegħed taħt ordni ta' superviżjoni obbligatorja:**





Il-pulizija trid tipprova tgħid lill-ġenitur jew lill-kustodju tiegħek li inti qiegħed fl-għassa tal-pulizija.



Għandek id-dritt li jżurek il-ġenitur jew il-kustodju tiegħek fl-għassa tal-pulizija.

Dawk li jkollhom taħt it-18-il sena biss jistgħu jkollhom iż-żjarat.



Irid ikun hemm avukat miegħek meta l-pulizija jintervistawk, sakemm ma jkunx hemm **ċirkostanzi eċċezzjonali**.

Pereżempju, jekk il-pulizija jaħsbu li għandek informazzjoni importanti li biha tista' twaqqaf milli xi ħadd jiġi mweġġa', jaf ikollhom bżonn jistaqsuk mistoqsijiet qabel ma jasal l-avukat tiegħek.

Jekk għandek 16 jew 17-il sena u qiegħed taħt ordni ta' superviżjoni jew ordni obbligatorja interim, ma TISTAX tirrifjuta li jkollok avukat.



Anke f'ċirkostanzi eċċezzjonali, għandek id-dritt li tibqa' sieket.

## X’jiġri jekk tiġi akkużat jew tiddaħħal l-għassa tal-pulizija fuq mandat?



Jekk tiġi **akkużat**, jista’ jkun li jħalluk titlaq jew jaf ikollok tinżamm fiċ-ċella tal-pulizija u titressaq il-qorti fl-aktar ġurnata qrib li tkun possibbli.



Jekk tiġi akkużat, il-pulizija jkunu jridu jieħdu:

- **il-marki tas-swaba’ tiegħek**



- **kampjun tad-DNA** (idawru stikk tat-tajjar bil-mod fil-parti ta’ ġewwa ta’ ħalqek)




- **ritratt tiegħek**



Jekk tressaqt l-għassa tal-pulizija fuq **mandat**, jista’ jkun li jkollok tinżamm f’ċella tal-pulizija u titressaq il-qorti fl-aktar ġurnata qrib li tkun possibbli.

## Għal kemm żmien tista' tinżamm fl-għassa tal-pulizija?




Il-pulizija jistgħu jżommuk **sa 12-il siegħa mingħajr ma jakkużawk b'reat.**




Il-pulizija se joffrulek l-ikel fil-ħinijiet tal-ikel jekk tinżamm għal aktar minn 4 sigħat.

Jekk hemm xi ikel li ma tistax tiekol, avża lill-pulizija kemm jista' jkun malajr.

Jekk għandek l-għatx itlob lill-pulizija biex jagħtuk l-ilma.




Il-pulizija jistgħu jżommuk **sa 24 siegħa, iżda dan iseħħ biss bl-approvazzjoni ta' Spettur tal-Pulizija** (jew Spettur Prinċipali jekk għandek taħt it-18-il sena).



Għandek id-dritt li tikkummenta dwar din id-deċiżjoni, inkella tista' tagħżel li l-avukat tiegħek ikellem lill-pulizija f'ismek.

## Viżta mingħand tabib jew infermier



Għandek id-dritt tara **tabib** jew **infermier** jekk tkun marid jew imweġġa’.

Għid lill-pulizija jekk taħseb li għandek bżonn tara tabib jew infermier.

Huwa importanti li tgħid lill-pulizija jekk għandekx kundizzjoni medika jew jekk tieħux xi mediċini.



Importanti wkoll li tgħid lill-Pulizija jekk għandek xi vizzju tad-droga jew tal-alkoħol, jew jekk qed taħseb biex tweġġa’ lilek innifsek.





**Dan sabiex il-Pulizija jkunu jistgħu jieħdu ħsiebek meta tkun fil-kustodja tal-pulizija.**

## Kif tagħmel ilment



Għandek id-dritt li **tilmenta** dwar il-mod kif ġejt ittrattat mill-pulizija.

Jekk tilmenta kontra Police Scotland dan mhux se jixħet dell ikrah fuq il-każ tiegħek.

Tista’ tagħmel ilment meta tkun f’kustodja.

Jekk trid tilmenta meta tkun f’kustodja, staqsi biex titkellem ma’ spettur jew xi ħadd ta’ grad ogħla.







Jekk trid tilmenta wara li tinħeles, tista’ tmur fi kwalunkwe għassa tal-pulizija.

Jekk weġġgħek uffiċjal tal-pulizija waqt li kont arrestat jew waqt li kont fil-kustodja tal-pulizija għandek tilmenta mad-Dipartiment tal-Istandards Professjonali ta’ Police Scotland.




Biex tilmenta ċempel fuq 101 jew mur fl-għassa tal-pulizija lokali tiegħek.

Jekk trid, tista’ tgħid lil xi ħaddieħor biex jagħmel ilment f’ismek ukoll. Jista’ jkun ġenitur, ħabib/a, sieħeb/sieħba jew xi ħadd li tafda.

Trid tagħtihom il-permess bil-miktub tiegħek.

**Prodott f'isem is-SOLD Network**

**minn**

**People First (Scotland)**

**77-79 Easter Road,**

**Edinburgh,**

**EH7 5PW**

**0131 478 7707**

Kumpanija limitata b'garanzija Nru 173180 u Karità Skoċċiża Reġistrata bin-Nru SC 026039